



Il-Premju Access City 2018

Eżempji tal-aħjar prattika biex l-ibliet tal-UE jsiru aktar aċċessibbli



Ewropa Soċjali

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

Print	ISBN 978-92-79-80896-8	doi: 10.2767/14913	KE-BL-18-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-79-80815-9	doi: 10.2767/026079	KE-BL-18-001-MT-N



Werrej

Kelmtajn qabel.....	4
Il-Premju Access City 2018 – Verżjoni faċli li tinqara.....	5
Introduzzjoni.....	11
Lyon, Franza - ir-Rebbieña.....	12
Ljubljana, is-Slovenja – it-Tieni Premju.....	16
il-Lussemburgu, il-Lussemburgu – it-TieletPremju.....	20
Viborg, id-Danimarka – Tismija Speċjali: Aċċessibilità fi Sfond Storiku.....	24
Parteċipazzjoni fil-Premjazzjoni tal-Access City 2019.....	28

Kelmtejn qabel



Wara tmien snin, il-Premju Access City sar akkollata stabbilita Ewropea u jien kburi li nsib li l-bliet qed ikompli jigggeddu sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kulħadd.

Fil-fatt, il-kwalità u l-firxa tal-innovazzjoni murija mir-rebbieħa ta' din is-sena tkompli teħodna f'livelli ġodda ta' aċċessibbiltà fl-Ewropa u tipprovi sors kontinwu ta' ispirazzjoni u gwida għal bliet oħrajn.

Mill-perspettiva tal-Kummissjoni Ewropea, il-Premju Access City huwa indikazzjoni ċara ta' kemm l-aċċessibbiltà hija importanti għal-bliet madwar l-Ewropa. Ħafna bliet iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet diffiċli, restrizzjonijiet finanzjarji jew jeħtieġ li joqogħdu attendi għall-preservazzjoni tal-bini storiku tagħhom.

Aħna nilqgħu l-enfasi kontinwata u dejjem tikber dwar il-ħolqien ta' Ewropa inklużiva fejn iċ-ċittadini kollha jistgħu jgawdu l-libertà biex jgħixu, jaħdmu u jqattgħu l-ħin liberu tagħhom mingħajr ostakli għall-mobbiltà jew il-parteċipazzjoni tagħhom.

Din il-pubblikazzjoni hi intiża sabiex tagħti ideat ta' politika u eżempji prattiċi sabiex tgħin u tispira lil bliet oħrajn li qegħdin jiffaċċjaw sfidi simili. Il-bliet tal-UE kullimkien għandhom ambizzjoni kondiviża li jtejbju l-aċċessibbiltà – mhux biss għaċ-ċittadini anzjani tagħhom u daww b'diżabbiltà – iżda għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Ir-rebbieħa ta' din is-sena huma eżempji li aħna nittamaw li se jhegħgu lil ħafna bliet oħra biex is-sena d-dieħla jipparteċipaw f'din l-isfida. Lyon, Ljubljana, il-Lussemburgu u Viborg urew li int fejn int fl-Unjoni Ewropea, tista' tagħmel bidliet li jkollhom impatt dirett fuq il-ħajjiet taċ-ċittadini tiegħek.

Marianne Thyssen

Il-Kummissarju għall-Impjiegi,
l-Affarijiet Soċjali, il-Ħiliet u l-Mobbiltà
tal-Ħaddiema

Il-Premju•Award City 2018



Verżjoni faċli biex tinqara

Min aħna?

Aħna l-Kummissjoni Ewropea u l-Forum Ewropew għad-Diżabbiltà.



Il-**Kummissjoni Ewropea** tissuġġerixxi liġijiet li jagħmlu lill-Ewropa aħjar għan-nies tagħha.



Il-**Forum Ewropew għad-Diżabbiltà** jaħdem biex jiproteġi d-drittijiet tan-nies b'diżabbiltà fl-Ewropa.

Sikwit aħna naħdmu flimkien biex nagħmlu l-Ewropa post aħjar għan-nies b'diżabbiltà.

Pereżempju, kull sena ningħaqdu flimkien biex norganizzaw **il- Premju Access City**

X'inhu l-Premju Access City?

Il-**Premju Access City** huwa premju li kull sena nagħtu lill-ibliet li jaħdmu ħafna biex ikunu aċċessibbli.



Belt tkun aċċessibbli meta n-nies kollha li jgħixu fiha, ikunu jistgħu jimirħu u jużaw is-servizzi kollha mingħajr problemi.

Pereżempju, belt tkun aċċessibbli meta n-nies kollha jkunu jistgħu faċilment:

- Jaqbd u x-xarabank jew il-metro biex imorru għax-xogħol.
- Jużaw magni tal-biljetti biex jixtru biljett.
- Iduru fit-toroq u jidħlu f'bini pubbliku
- Jiksbu informazzjoni li jistgħu jifhmu.



Dan huwa importanti għan-nies kollha u l-aktar għan-nies b'diżabbiltà u l-anzjani. Spiss l-affarijiet ma jkunux aċċessibbli għalihom. Jekk l-affarijiet ma jkunux aċċessibbli, huma ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fil-komunità bħan-nies l-oħra kollha. Jitħallew barra.



Pereżempju, jekk ix-xarabanks ma jkollhomx rampi, in-nies fis-siġġijiet tar-roti ma jkunux jistgħu jmorru x-xogħol jew imorru minn post għal ieħor.



Għalhekk, il-Premju Access City huwa opportunità għall-ibliet fl-Ewropa biex juru l-ħidma tagħhom biex ikunu aċċessibbli għan-nies kollha.

Parteċipazzjoni fil-Premju Access City li jmiss

Din is-sena, l-Unjoni Ewropea tiċċelebra l-kultura u kif matul iż-żmien din tgħaddi mill-anzjani għaż-żgħażaġh. Il-kultura tista' tkun arti, mużika, teatru, ikel u affarijiet oħra ta' pajjiż li juru ħafna dwar l-istorja tiegħu u niesu.

Bħall-affarijiet l-oħrajn kollha, jenħtieġ li l-kultura tkun aċċessibbli għan-nies kollha wkoll.

Pereżempju, in-nies b'diżabbiltà jenħtieġ li jkunu kapaċi jżuru mużew jew bini u postijiet oħra fejn ikunu jistgħu jitgħallmu aktar dwar il-kultura ta' pajjiż.



Għalhekk din is-sena se nagħtu 2 premjjiet addizzjonali lill-ibliet li jaħdmu biex jagħmlu l-kultura aċċessibbli għan-nies kollha.

Parteċipazzjoni fil- Premju City Award 2019

Liema bliet jistgħu jipparteċipaw?

Mhux l-ibliet kollha jistgħu jipparteċipaw fil-Premju Access City. Sabiex jipparteċipaw fil-Premju Access City, l-ibliet jenħtieġ li:



- Ikunu f'pajjiżi li huma parti mill-Unjoni Ewropea. L'**Unjoni Ewropea** hija grupp ta' 28 pajjiż fl-Ewropa li ngħaqdu flimkien biex jagħmlu l-Ewropa post aħjar għan-nies tagħha.
- Għandhom aktar minn 50 000 persuna jgħixu fihom. Jekk pajjiż ikollu anqas minn 2 ibliet b'dawn in-nies kollha, 2 ibliet iżgħar jew aktar jistgħu jingħaqdu flimkien. Jekk flimkien jgħaqqdu aktar minn 50 000 persuna, iż-2 premjjiet addizzjonali dwar il-kultura aċċessibbli jistgħu jingħataw lil bliet iżgħar li għandhom anqas minn 50 000 persuna jgħixu fihom.



Il-belt li rebħet il-Premju Access City is-sena l-oħra ma tistax tipparteċipa mill-ġdid din is-sena.

Kif jistgħu jipparteċipaw l-ibliet?

L-ibliet li jixtiequ jipparteċipaw fil-Premju Access City jeħtieġ li japplikaw onlajn.

In-nies li jmexxu l-ibliet

u jieħdu deċiżjonijiet importanti għalihom jeħtieġ li jimlew formola fuq l-internet.



F'din il-formola, jeħtieġ li:

- Jgħidu għaliex jaħsbu li l-belt tagħhom għandha tirbaħ il-Premju Access City.
- Jagħtu eżempji u juru kif il-belt tagħhom tagħmel l-affarijiet aċċessibbli għan-nies.
- Jitkellmu dwar kif qed jippjanaw li jkomplu din il-ħidma tajba fil-futur.

L-ibliet li jixtiequ jipparteċipaw fil-Premju Access City din is-sena jistgħu jżuru dan is-sit web:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1141&langId=mt>



Aħna se ntellgħu l-aħbarijiet kollha dwar il-Premju Access City fuq is-sit web.

Se ngħidu wkoll sa meta l-ibliet jeħtieġ li jimlew il-formola sabiex jipparteċipaw fil-Premju Access City ta' din is-sena.

Kif nagħżlu r-rebbieġ?


Xi gruppi ta' nies jivverifikaw il-ħidma tal-ibliet kollha li japplikaw għall-Premju Access City. In-nies b'diżabbiltà u l-anzjani huma parti minn dawn il-gruppi.



Huma jivverifikaw x'jagħmlu l-ibliet biex jagħmlu l-affarijiet aċċessibbli għall-ġid tan-nies tagħhom.

Pereżempju, jivverifikaw jekk l-ibliet ikollhomx:

- Bini u triqat aċċessibbli.
- Xarabanks, metros u trasport pubbliku ieħor aċċessibbli.
- Magni tal-biljetti u magni tal-flus aċċessibbli.
- Siti web u teknoloġija oħra aċċessibbli li n-nies jistgħu jużaw biex jikkomunikaw.
- Informazzjoni aċċessibbli li tkun faċli għal kulħadd biex jaqraha u jifhimha.



Huma jaraw liema belt jirnexxielha tagħmel dawn l-affarijiet aċċessibbli bl-aħjar mod għan-nies tagħha. Din il-belt tirbaħ il-Premju Access City.



Meta se nippreżentaw lir-rebbieħa?

F'Diċembru 2018,
se jkollna laqgħa kbira fi Brussell
biex nitkellmu dwar id-drittijiet tan-nies b'diżabbiltà.
F'din il-laqgħa, se ngħidu wkoll
liema belt tirbaħ il-Premju Access City ta' din is-sena.
U mbagħad nagħtu l-Premju Access City lil
din il-belt.



Aktar informazzjoni?

Jekk trid aktar informazzjoni, Jekk jogħġbok ibgħatilna email fuq:
secretariat@accesscityaward.eu

Introduzzjoni

L-iskema Premju Access City tnediet fl-2010 sabiex tippromwovi l-aċċessibbiltà fl-ambjent urban għall-popolazzjoni dejjem tikber tal-Ewropa ta' anzjani u nies b'diżabbiltà.

Kull sena l-Premju jara firxa wiesgħa ta' entrati mill-pajjiżi madwar l-Unjoni Ewropea. Wara l-ewwel għażla mill-ġuriji nazzjonali, l-entrati magħżula jgħaddu għand ġurija ta' esperti ta' livell Ewropew li jiddeċiedu liema huma r-rebbieħa u dwar il-kategoriji "tismija speċjali".

Il-kategoriji li jintgħażlu jistgħu jvarjaw minn sena għal oħra. Fil-kuntest tal-Premju Access City 2018, ingħatat tismija speċjali, barra mir-rebbieħa li

spiċċaw fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet post. It-tismija speċjali rrikonoxxiet belt li, b'inġenwità kbira, irnexxielha tadatta l-ħtieġa tagħha għall-aċċessibbiltà biex taħdem f'armonija mal-ħtieġa tagħha biex tippreserva ċ-ċentru tal-belt storiku u t-topografija b'ħafna għoljiet u ta' sfida tagħha.

Dawn il-premjijiet jenfasizzaw li t-titjib tal-aċċessibbiltà mhux dejjem jittratta investment fuq skala kbir jew xogħlijiet ewlenin. Jista' jkun ukoll li jittratta l-fehim tal-ħtiġijiet u l-użu ta' riżorsi limitati bl-aħjar mod. Anke bidliet żgħir jistgħu jkunu ta' suċċess sabiex jiġi żgurat li n-nies jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja urbana.



Il-Kummissarju Thyssen u l-ibliet Rebbieħa matul iċ-ċerimonja tal-Premju Access City

Lyon, Franza

Rebbieña

L-ewwel premju fl-Għoti tal-Premjijiet Access City 2018 ingħata lil Lyon fi Franza.

Magħrufa bħala “la Ville des Lumières”, Lyon hija metropoli Ewropea ewlenija, li tinsab fejn jiltaqgħu it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Ewropa. Din il-belt hija mibdnija madwar żewġ għoljiet u minnha jgħaddu x-xmajjar Rhone u Saône.

B'popolazzjoni ta' kważi 515 000, hija tikkonsisti minn Lyon l-Antika, il-parti medjevali u Rinaxximentali tal-belt, il-Presqu'île fl-istil Haussmann, id-distrett kummerċjali Part Dieu u d-Distrett modern Confluence.

Approċċ trażversali

Il-belt ta' Lyon għażlet li tindirizza l-aċċessibbiltà bħala kwistjoni trażversali u tinvesti b'mod sostanzjali fil-ħolqien ta' ambjent mingħajr ostakli u inklużiv.

Biż-żewġ temi tal-aċċessibbiltà fiżika u l-aċċessibbiltà għall-ħajja fil-belt, Lyon implimentat programm li beda fl-2016 u se jibqa' għaddej sal-2024.

Sabiex jikkoordina u jixpruna l-programm, inħatar kap tal-missjoni, li jirrapporta għand is-Segretarjat Ġenerali tal-belt. Network, li jinkludi Hemm 13-il dipartiment tal-belt involut f'inizjattivi ta' implimentazzjoni li jkopru

“

Bit-trattamenti tas-superfċje l-ġodda f'Parc Blandan, Il-mogħdija aċċessibbli b'superfċje lixxa tista' tiġi osservata b'mod ċar u huwa faċli biex wieħed jagħraf id-differenza bejn is-superfċji.

”

Éric

Konsultazzjoni ma' nies b'diżabbiltà
dwar opzjonijiet u prijoritajiet

l-kultura, l-appoġġ tat-tfal, l-isport,
l-HR, iċ-ċittadinanza u ż-żoni pubbliċi.

Korp konsultattiv magħmul minn
rappreżentanti eletti, servizzi tal-belt
u 62 assoċjazzjoni lokali, inklużi nies
b'diżabbiltà u anzjani, huma involuti
ħafna fis-suġġeriment ta' prijoritajiet,
l-analiżi ta' opzjonijiet u l-monitoraġġ
tal-progress mal-implementazzjoni.

“

Jien nuża s-servizz
Optiguide għaliex jagħtini
indipendenza akbar meta
nivvjaġġa. Infossni moħħi
mistrieħ li għandi persuna
mhux b'diżabbiltà miegħi.

Myriam

”

Promozzjoni tal-mobbiltà indipendenti

Bejn l-2008 u l-2020, qed jiġu investiti
EUR 97 miljun f'metro aċċessibbli u
trams aċċessibbli. Ix-xarabanks kollha
u l-waqfiet tax-xarabanks huma diġà
aċċessibbli kollha.

Is-servizz dedikat ta' Optibus għan-
nies b'diżabbiltà jipprovdi 'l fuq minn
100 000 vjaġġ fis-sena u 4 800 vjaġġ
fis-sena jsiru bl-użu tal-Optiguide, li
jipprovdi informazzjoni bieb, bieb u
gwida individwali li tippermetti lin-nies
jivvjaġġaw b'mod indipendenti permezz
tat-trasport pubbliku.



L-użu tas-servizz Optiguide għall-
promozzjoni ta' mobbiltà indipendenti

L-użu tat-teknoloġija biex jingħelbu l-ostakli

Is-sit web tal-belt għandu paġna ddedikata lin-nies b'diżabbiltà li tiġbor fi f'danha l-informazzjoni utli kollha dwar l-aċċess u kwistjonijiet oħra. Ir-rivista tal-belt hija disponibbli kemm fil-format tal-braille kif ukoll f'dak awdjo.



Faċilitajiet tal-isport u taż-żmien liberu aċċessibbli: mara tingħata l-għajnuna biex taċċessa pixxina



Identifikazzjoni ta' meta huwa sikur li wieħed jaqsam fid-dwal tat-traffiku



L-app tal-belt tinkludi funzjoni li tippermetti lir-residenti jirrapportaw ħsara fid-dwal jew ostakli oħrajn għall-aċċessibbiltà. Il-ġeolokazzjoni u r-ritratti jippermettu lis-servizzi tal-belt jintervjenu malajr biex jittrattaw il-problemi. L-app tippermetti wkoll lill-utent jidentifika spazji tal-parking irriżervati għan-nies b'diżabbiltà.

L-app enform@lyon ġiet introdotta biex ttejjeg l-attivitajiet tal-isport fil-faċilitajiet disponibbli madwar il-belt. L-app tinkludi itinerarji li jistgħu jiġu segwiti min-nies b'diżabbiltà tal-mobbiltà.

App tat-trasport pubbliku tippermetti lill-vjaġġaturi jagħżlu l-aktar itinerarju aċċessibbli, pereżempju billi jidentifikaw rotot iqsar jew dawk b'aċċess livellat. L-app tinkludi funzjoni ta' "twissija ta' aċċessibbiltà" li tippermetti lin-nies isiru jafu dwar ħsarat u tiswijiet f'liftijiet jew fi skali mobbli.



Żjara ta' sett ta' palk

Kultura u edukazzjoni

It-Théâtre des Célestins jorganizza żjarat tattili għal settijiet ta' palkijiet u laqgħat mal-atturi li jippermettu lin-nies b'diżabbiltà viżiva jifhmu aħjar kif jaħdem it-teatru. Huwa joffri wkoll spazji għas-siġġijiet tar-roti, apparati tas-smiġħ ta' appoġġ u politika tal-ipprezzar differenzjali għal dawk li jmorru t-teatru u għandhom diżabbiltà.

Il-libreriji fil-belt għandhom 'il fuq minn 3 500 ktieb awdjo u jipprovdu servizz ta' kunsinna d-dar għall-anzjani u għal dawk b'diżabbiltà li ma jkunux jistgħu jgħorru l-kotba. Fl-2016/2017 kien hemm 15-il lekċer u esebizzjoni li tinkludi deskrizzjoni bil-lingwa tas-sinjali u awdjo.

Il-belt temmen fl-importanza tal-integrazzjoni u l-inklużjoni tat-tfal b'diżabbiltà fis-soċjetà ġenerali, sabiex l-aċċess għall-attivitajiet tal-isport u r-ristoranti tal-iskola jkun ipprovdut għall kull tifel u tifla. Sabiex tintlaħaq din il-politika ta' aċċess sħiħ, qed jiġu investiti EUR 110 000 addizzjonali sabiex jissaħħaħ it-tim superviżorju u jiġu mħarrġa 120 direttur ta' skejjel u stabbilimenti oħrajn.

“

Naħseb li hija ħaġa tajba ferm li nistgħu nżuru settijiet ta' palkijiet. Dan jagħtina intuiviti fid-dettalji tal-prestazzjoni. Aħna VIPs fil-veru sens tal-kelma.

Lise

”

Integrazzjoni u inklużjoni d-dar u fuq ix-xogħol

Il-programm tal-belt jinkludi l-għoti tal-aċċess għal EUR 38 miljun għal 700 binja u żona pubblika.

Ġie implimentat approċċ sperimentali għall-akkomodazzjoni interġenerazzjonali fl-iżvilupp tal-akkomodazzjoni ta' 75 unità, fejn 25 huma rriżervati għall-anzjani u dawk b'diżabbiltà u jinkludu servizz ta' għajxien assistit 24/7.

Fis-settur tal-impjegati, l-impjegati muniċipali kollha jingħataw taħriġ dwar is-sensibilizzazzjoni tad-diżabbiltà meta jissieħbu u l-integrazzjoni fuq il-post tax-xogħol hija ferm ogħla mir-rekwiżiti legali bin-nies b'diżabbiltà jokkupaw 7.8 % tal-impjegati fil-belt. Bejn l-2016 u l-2018, Lyon qed tinvesti EUR 1 miljun addizzjonali sabiex tgħammar l-istazzjonijiet tax-xogħol sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-impjegati b'diżabbiltà.

Il-Municipalitá tippromwovi wkoll l-impjeg tan-nies b'diżabbiltà fil-komunitá usa' billi tiffavorixxi kumpaniji b'rekords ta' impjeg tajba fl-implimentazzjoni tal-kuntratti tal-belt.

Ljubljana, is-Slovenja

It-Tieni Premju

Ljubljana, il-kapitali u l-akbar belt fis-Slovenja ngħatat it-tieni premju fil-Premjazzjoni tal-Access City 2018.

Il-belt, b'popolazzjoni ta' aktar minn 288 000 persuna tinsab f'punt fis-Slovenja ċentrali fejn erba' reġjuni ġeografiċi jiltaqqgħu max-xmara Ljubljana li tgħaddi minnha. Fin-nofsinar, il-belt tinfirex fuq il-Bassasiet ta' Ljubljana, bl-għoljiet li jagħlqu dawramejt in-naħat li jifdal.

Il-belt ippreservat il-wirt storiku tagħha u tgawdi minn ħafna spazji ħodor.

Il-ħolqien ta' Żona Ekoloġika aċċessibbli

Fl-2016, Ljubljana rebħet it-titlu tal-Belt Kapitali Ekoloġika tal-Ewropa u qed taħdem biex tikkombina l-oġettivi ta' titjib fl-aċċessibbiltà ma' tnaqqis fl-emissjonijiet sabiex il-belt issir aħjar għal kulħadd.

Iċ-ċentru tal-belt ġie ttrasformat f'"żona ekoloġika" aċċessibbli bi traffiku motorizzat limitat ħafna, spazji mimlijin bejn iċ-ċangaturi, strixxi gwida tattili, kurdu baxxi u rampi.

Problemi ta' aċċess jistgħu jiġu rrapportati permezz tat-telefon, l-Internet jew bl-użu ta' app imsejġha Better Outdoors. Skont l-iskema "rapid repair", il-belt tittratta ilmenti urġenti li jaffettwaw l-aċċess fi żmien 24 siegħa.

L-ivvjaġġar mingħajr ħlas fiż-żona huwa disponibbli f'vetturi elettriċi, li 3 minn 6 minnhom huma aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti. Isiru wkoll vjaġġi bil-ferrovija tal-elettriku u bil-funikular għal fuq l-għolja għall-Kastell ta' Ljubljana.

“Għaċ-ċittadini b'diżabbiltà, speċjalment, dawk bi problemi fis-smiġħ, il-ħajja f'Ljubljana hija aktar faċli u kull sena aktar aċċessibbli permezz ta' midja elettroniċi viżivi u aħbarijiet pubbliċi. Aħna kuntenti li l-muniċipalità tagħna qed tieħu ħsieb ħafna n-nies b'diżabbiltà.

Nikolaj Vogel,
L-Assoċjazzjoni tal-Belt għall-
Persuni Torox Ljubljana



Rampa fuq il-“Mesarski most” fiċ-ċentru tal-belt

Minn post għal ieħor fil-belt

Ix-xarabanks kollha tal-belt huma baxxi bi spazju għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti, kważi kollha bir-rampa u b'avviżi li jinstemgħu u viżivi abbord. Il-waqfiet tax-xarabanks fiċ-ċentru tal-belt għandhom informazzjoni fil-ħin reali dwar il-wasliet tax-xarabanks u aktar waqfiet se jiġu mgħammra b'tali teknoloġija s-sena li gejjja.

L-ivvjaġġar huwa mingħajr ħlas għar-residenti b'diżabbiltà u għall-persuni li jieħdu ħsiebhom. Sistema ta' kards ta' identifikazzjoni uniċi tfisser li l-assistenza tista' tiġi pprovduta malajr jekk tkun meħtieġa waqt vjaġġ.

Servizz risponsiv għad-domanda, li l-utenti jistgħu jużaw meta jkollhom bżonn, huwa disponibbli għal dawk li jeħtieġu trasport bieb bieb.

Barra mill-ħafna pontijiet pedonali fuq ix-xmara, il-“Mesarski most” (il-pont tal-Biċċier) jipprovdri aċċess tas-siġġijiet tar-roti għad-dgħajjes.

It-tojlits pubbliċi tal-belt huma mingħajr ħlas u bħalissa 10 minn 19 minnhom huma aċċessibbli.

Turiżmu u kultura intelliġenti u aċċessibbli

Punt ta' Informazzjoni taċ-ċentru tal-belt, li jispeċjalizza fl-informazzjoni għall-viżitaturi li għandhom 'il fuq minn 65 sena u għal dawn b'diżabbiltà ilu hemm mill-2016.

Mappa tal-belt tal-lokazzjonijiet aċċessibbli hija disponibbli.



Mogħdija tattili fi Triq Čopova fiċ-ċentru tal-belt

“

Matul is-snin, Ljubljana saret belt Ewropea moderna, li dejjem qed issir aktar adatta għan-nies b'diżabbiltà. Bdiet bir-rampi, u mbagħad id-dwal tat-traffiku bil-ħoss fl-intersezzjonijiet. Dawn l-aħħar snin kellna wkoll aħbarijiet fix-xarabanks tal-belt u fil-liftijiet, speċjalment f'faċilitajiet tas-saħħa. Li huwa importanti wkoll huwa li n-nies bis-siġġijiet tar-roti jkunu jistgħu jidħlu f'bini ta' importanza pubblika bħal banek, uffiċji tal-posta, ċentri tas-saħħa, muniċipalitajiet, unitajiet amministrattivi.

”

Dr. Luj Šprohar

Assoċjazzjoni għall-Persuni Għomja Ljubljana

Ġew introdotti soluzzjonijiet “intelliġenti” sabiex jagħmlu l-ħajja kulturali tal-belt aktar aċċessibbli. Dawn jinkludu l-lingwa tas-sinjali fit-teatri, esebizzjonijiet u mapep tattili (pereżempju tal-kastell), vidjows adattati, informazzjoni ta' gwida multisensorjali u faċli li tintuża.

L-informazzjoni onlajn mill-belt tissodisfa l-istandards ta' aċċessibbiltà tal-web u huma ppjanati aġġornamenti ulterjuri. Is-sit web jinkludi faċilità għaċ-ċittadini biex jikkomunikaw direttament mal-awtoritajiet tal-belt.

Aċċess għax-xogħol

L-opportunitajiet tax-xogħol u l-akkomodazzjoni soċjali adattata u t-trasport pubbliku aċċessibbli jagħmlu lil Ljubljana belt attraenti għan-nies b'diżabbiltà biex jgħixu u jaħdmu fiha.

Hemm firxa wiesgħa ta' inizjattivi għall-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' xogħol esposti u mhux. Eżempju ta' intraprenditorija soċjali huwa r-ristorant “Druga Violina” (it-Tieni Vjolin) fiċ-ċentru l-antik tal-belt fejn in-nies b'diżabbiltà intellettuali jipparteċipaw f'ambjent tax-xogħol reali.

“

L-inizjattiva għal aċċessibbiltà tqawwilna qalbna li Ljubljana se ssir saħansitra aktar aċċessibbli.

”

Sandi

L-Assoċjazzjoni tal-Belt għall-Persuni Torox Ljubljana



OVIRANTlon - triatlon li fih il-parteċipanti jridu jegħlbu ostakli li n-nies b'diżabbiltà jiffaċċjaw ta' kuljum

Aċċessibbiltà: indikatur prinċipali tal-kwalità tal-ħajja

Is-sindku ta' Ljubljana jippromwovi l-importanza tal-aċċessibbiltà bħala indikatur prinċipali tal-kwalità tal-ħajja fil-belt u jitlob li s-servizzi tal-belt jagħtu prijorità lill-kwistjonijiet ta' aċċess u l-protezzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetà.

Il-politika globali tal-belt dwar l-iżvilupp sostenibbli għandha tiżgura li l-iżviluppi kollha jkunu bbażati fuq il-prinċipju tal-inklużjoni kemm għar-residenti kif ukoll għall-viżitaturi.

Hemm sistema ta' monitoraġġ komprensiva fis-seħħ għall-iżviluppi kollha u wieħed mill-indikaturi ta' sodisfazzjon prinċipali huwa l-aċċessibbiltà għall-gruppi b'diżabbiltà tal-mobbiltà. Dawn l-isforzi huma rikonnoxxuti u milqugħa mill-organizzazzjonijiet ta' diżabbiltà tal-belt.

Il-passi li jmiss

Il-pjanijiet għal aktar tibjib fl-aċċessibbiltà jinkludu aġġornamenti fl-aċċessibbiltà tal-web, aktar adattament tal-faċilitajiet u l-kontenut fl-istituzzjonijiet kulturali tal-belt, l-installazzjoni ta' marki tattili mal-art u li jiġi żgurat li l-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali jkun kompletament aċċessibbli. It-tħarriġ tal-persunal fis-sensibilizzazzjoni tad-diżabbiltà hija wkoll prijorità prinċipali.

Il-Lussemburgu, il-Lussemburgu

It-Tielet
Premju

Il-Belt tal-Lussemburgu, b'popolazzjoni ta' 116 328, ingħatat it-tielet premju fil-Premjazzjoni tal-Access City 2018.

Mibnija fuq blata, u tmur lura għas-sena 963 QK, it-toroq dojoq u t-telgħat weqfin jippreżentaw sfidi ta' aċċessibilità ewlenin għad-Dipartimenti Tekniċi tal-Belt.

Il-municipalitá hija impenjata biex ittejjeb l-aċċessibilità għan-nies b'dizabbiltá u l-anzjani u qed taħdem biex timplimenta pjan ta' azzjoni bbażat fuq il-Konvenzjoni tal-Istati Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabbiltá.

“

Is-servizz tax-xarabank tal-municipalitá tal-Lussemburgu tjejb u l-biċċa l-kbira tal-passiġġieri jgħinu. Xi ħwienet għandhom rampa filwaqt li oħrajn jgħinu lill-klijenti tagħhom jaċċessaw il-ħwienet. Is-siti tal-kostruzzjoni huma kollha sikuri. Fil-każ ta' problemi wieħed dejjem jista' jikkuntattja lill-municipalitá. B'mod ġenerali, isiru sforzi kontinwi.

”

Joëlle Oesch

Membru tal-kumitat ta' parteċipazzjoni





Xeni mill-Ġimgħa tal-Mobbiltà Annwali

Disinn għal Kulħadd

Il-Belt tal-Lussemburgu għandha fokus ċar fuq il-kunċett ta' "ħtiġijiet speċifiċi" minflok l-identifikazzjoni tan-nies f'termini tad-diżabbiltà tagħhom. Wara din il-filosofija hemm il-kunċett ta' Disinn għal Kulħadd, li jitratta l-ħolqien ta' ambjent li fih kulħadd ikun jista' jgħix b'mod komdu.

Eżempji ta' titjib li kulħadd ibbenefika minnu inklużi sinjali li jinstemgħu fil-punti tal-qsim, xarabanks baxxi mgħammra b'rampi u aħbarijiet li jinstemgħu u viżivi fuq ix-xarabanks kollha.

Barra mit-trasport pubbliku aċċessibbli hemm minibuses li jgħaddu għan-nies quddiem djarhom, u li joffru tariffa mnaqqsa għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti.

Promozzjoni tal-aċċessibbiltà

Il-Belt torganizza ġimgħat ta' sensibilizzazzjoni biex tippromwovi fehim aħjar tal-aċċessibbiltà u l-għajxien inklużiv.

Il-programm jinkludi Ġimgħa tal-Mobbiltà u Festival tal-Mużika, Gala tal-Inklużjoni li tinkludi artisti tal-ispettaklu b'diżabbiltà u turs iggwidati aċċessibbli tal-belt u l-mużew.



Xeni mill-Ġimgħa tal-Mobbiltà Annwali

Għall-avvenimenti kollha, jiġu pprovduti parking u tojlits aċċessibbli, filwaqt li jiġu organizzati shuttle buses aċċessibbli.

Id-Dipartiment tal-Infurmazzjoni u l-Ħtiġijiet Speċifiċi tal-Belt jaħdem mal-uffiċċju tat-turiżmu, mal-mużewijiet u ma' postijiet pubbliċi oħra li saru aċċessibbli – l-uffiċċju tar-reġistru huwa eżempju wieħed. Il-postijiet kollha tal-votazzjoni huma aċċessibbli wkoll. Il-binjiet kollha ġodda u rrestawrati qegħdin kulma jmur jinġiebu qrib l-istandard tal-aċċessibbiltà.

Il-mużew għandu wirja msejħa “Mużew għal Kulħadd”, li tintegra il-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha inkluż lil immigranti, tfal u anzjani bl-użu ta' lingwa li jifhimha kulħadd.

Promozzjoni tal-aċċessibbiltà

Il-Belt torganizza ġimgħat ta' sensibilizzazzjoni biex tippromwovi fehim aħjar tal-aċċessibbiltà u l-għajxien inklużiv.

Il-programm jinkludi Ġimgħa tal-Mobbiltà u Festival tal-Mużika, Gala tal-Inklużjoni li tinkludi artisti tal-ispettaklu b'diżabbiltà u turs iggwidati aċċessibbli tal-belt u l-mużew.



Grazzi għal uffiċċju ċentrali deżinjat b'mod ċar immexxi minn Madeleine Kayser, u kooperazzjoni b'saħħitha mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi kollha tal-persuni b'diżabbiltà, il-Belt tal-Lussemburgu għamlet progress enormi lejn infrastruttura aktar aċċessibbli u żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' diżabbiltà differenti, u bħala konsegwenza ta' dan ġew stimolati azzjonijiet pożittivi fi bliet oħra madwar il-pajjiż u fir-reġjun usa'.



Patrick Hurst

Il-President tal-assoċjazzjoni
“Nämme Mat Eis”



Sinjali li jinstemgħu
f'punti tal-qsim tat-toroq

Il-proċedimenti tal-Kunsill huma tradotti fil-lingwa tas-sinjali u hija pprovduta kwalunkwe forma oħra ta' assistenza meħtieġa. Tliet darbiet fis-sena jsiru korsijiet tal-Lingwa tas-Sinjali Ġermaniża (f'livelli differenti), liema korsijiet huma miftuħin għall-pubbliku.

Is-suċċess ta' dawn l-inizjattivi kollha huwa msejjes fuq il-kollaborazzjoni man-nies bi bżonnijiet speċifiċi sabiex jiġu identifikati l-problemi u jiġu stabbiliti prijoritajiet.

Opportunitajiet ta' impjieg

Il-muniċipalitá hija impenjata ħafna li tipprovi impjieg għan-nies b'diżabbiltá. Bħalissa 5.75 % tal-impjegati tal-muniċipalitá huma nies b'diżabbiltá, inkluż dawk b'diżabbiltá tat-tagħlim u ħaddiema li saru diżabbli matul il-karriera tagħhom.

Id-Dipartiment tal-Integrazzjoni u l-Ħtiġijiet Speċjali jappoġġja lil dawn il-ħaddiema b'adattamenti tal-ambjent tax-xogħol, trasport speċjali u ħtiġijiet oħra.

“

Fatt wieħed interessanti dwar l-aċċessibbiltá fil-belt tagħha huwa t-teknoloġija tal-beacon tal-bluetooth li tagħmilha aktar faċli għan-nies b'diżabbiltá viżiva li jsibu l-waqfiet tax-xarabank u jirċievu aħbar tal-waqfa tax-xarabank li jmiss bl-użu ta' app tal-mowbajl.

”

Josianne Rommes
Membri tal-kumitat ta'
partecipazzjonicommittee

L-użu tat-teknoloġija għall-promozzjoni tal-aċċessibbiltá

Fl-2017, il-muniċipalitá nediet żewġ proġetti ġodda biex timplimenta teknoloġija aċċessibbli.

Tal-ewwel hija sit web ġdid żviluppat biex jissodisfa l-istandards tad-disinn tal-web risponsivi, sabiex ikun aċċessibbli għall-persuni għomja li jużaw qarreja tal-iskrin. Id-Dipartiment għall-Komunikazzjoni u r-Relazzjonijiet Pubbliċi qed jaħdem ukoll biex jiżgura li l-pubblikazzjonijiet onlajn kollha, bħall-fuljetti jkunu disponibbli għal dawk li jużaw il-qarreja tal-iskrin. Huma qed iħeġġu wkoll lil oħrajn li jaħdmu fil-graphic design u fil-komunikazzjoni sabiex jagħmlu l-istess.

It-tieni inizjattiva ġdida kienet l-introduzzjoni tal-iBeacons fil-waqfiet tax-xarabanks sabiex jagħtu l-informazzjoni dwar ix-xarabank li jmissha tasal fil-waqfa lill-utenti tal-app tal-Belt. Din hija partikolarment utli għan-nies b'diżabbiltá viżiva iżda maż-żmien se tiġi estiża wkoll biex minnha jibbenefikaw it-turisti u utenti oħra tat-trasport pubbliku.

Viborg, id-Danimarka

Tismija Speċjali

Viborg fid-Danimarka ngħatat Tismija Speċjali għall-“Aċċessibbiltà fi Sfond Storiku”. Dan il-premjju jirrikonoxxi xi jkun inkiseb biex tittejjeb l-aċċessibbiltà minkejja l-isfidi kemm tal-istorja kif ukoll tat-topografija.

Viborg, għandha 50 200 abitant, hija waħda mill-aktar bliet antiki fid-Danimarka, tmur lura għas-sena 900 QK u tinsab fuq niżliet fuq żewġ lagi. Il-Belt hija kkaratterizzata minn mogħdijiet dojq u b’pavimentar biċ-ċangaturi.

Wirt kulturali inklużiv

Il-punt tat-tluq għal inizzjattivi ta’ aċċess f’Viborg kien il-proġett “L-aċċessibbiltà f’ċentru ta’ belt storiku – modi ġodda kif jissaħħaħ “il-wirt kulturali f’Viborg”

li ġie żviluppat mill-Belt u minnerba’ Fundazzjonijiet Daniżi bejn l-2010 u l-2016.

L-għan tal-proġett kien li jinstabu soluzzjonijiet innovattivi kemm biex jitneħħew l-ostakli fiżiċi kif ukoll biex tittejjeb il-komunikazzjoni sabiex il-wirt storiku ta’ Viborg ikun disponibbli għal kulħadd mingħajr ma ssir ħsara lill-awtentiċità tiegħu.

Aċċessibbiltà mingħajr aġitazzjoni żejda

Kien hemm enfasi ċara fuq soluzzjonijiet “mingħajr aġitazzjoni żejda”; fi kliem ieħor, soluzzjonijiet diskreti u inklużivi minflok faċilitajiet “speċjali” li jagħżlu lil nies b’diżabbiltà.

Bħala utenti konna parti attiva mill-ġenesi ta’ dan il-proġett li tagħtina sodisfazzjon kbir.

Afina kumenti li n-nies raw l-aċċessibbiltà f’perspettiva usa’ minflok is-sempliċi aspetti fiżiċi tagħha.

Il-proċess kien pożittiv. Il-proposti tagħna ġew adottati u żviluppati, u b’hekk jagħtuna valur kbir. Ninsabu żguri li nies oħra se jibbenefikaw minn dan ukoll.

Membru tal-grupp ta’ ħidma lokali ta’ Viborg.



Il-Pjazza Nytorv il-ġdida

Fil-belt storika, diversi pjazez pubbliċi, ġonna u toroq saru aċċessibbli b'bankini livellati, rampi u strixxi gwida tattili ġodda. Il-pjazza Nytorv hija żona pubblika kompletament aċċessibbli li nħolqot minn parking tal-karozzi antiki.

L-aktar sqaqien weqfin fil-Belt ġew modifikati bi pjattaformi għall-mistrieħ filwaqt li f'diversi ġonna fil-belt ġew introdotti rampi ġodda.

Il-materjali użati kullimkien jirriflettu d-dehra tal-belt eżistenti – l-użu tal-granit għal bankini illivellati, postijiet tal-mistrieħ u rampi. Is-sinjali l-ġodda u l-mudelli tal-belt saru bit-Tumbakk (liga tar-ram u ż-żingu), il-materjal li diġà intuża fil-bankijiet, fil-bins tal-Belt eċċ.

Dawn il-karatteristiċi l-ġodda saħħew l-attraenza tal-Belt għal kulħadd u pprovdew impetu għal avvenimenti kulturali u faċilitajiet ġodda inklużi swieq fit-toroq, ħwienet tal-kafè u kunċerti fuq barra.

Komunikazzjoni moderna għal belt storika

Ġie żviluppat mudell tal-belt tridimensjonali sabiex jippermetti lin-nies b'diżabbiltà viżiva jsiru familjari mal-belt. L-informazzjoni hija pprovduta kemm f'format ta' test kif ukoll bil-braille.

App, Spot Viborg, tiggwida lill-viżitaturi tul tliet itinerarji fil-belt storika. Filwaqt li tagħmel użu minn traċċar bil-GPS, il-ħoss u l-viżjoni, l-app tinkludi wkoll

informazzjoni dwar faċilitajiet tat-tojlit u postijiet tal-parking aċċessibbli. Għal dawk li ma jsegwux itinerarju stabbilit, l-app tindika wkoll attrazzjonijiet individwali li jħallu lill-viżitatur fil-libertà biex joħloq ir-rota tiegħu. L-app hija disponibbli bid-Daniż, bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.

Il-pjan huwa li wara tliet snin ta' użu l-app tiġi evalwata għal bidliet jew żviluppi li jistgħu jkunu meħtieġa.

Ingaġġ politiku u tal-komunità

Il-viżjoni tal-muniċipalità ta' Viborg hi li jenħtieġ li kulħadd ikollu l-opportunità jgħix ħajja sana u attiva bl-aċċess għal firxa wiesgħa ta' esperjenzi kulturali, ta' żmien liberu u oħrajn. Fl-2009 il-Belt adottat Politika tad-Diżabbiltà. Din kienet ibbażata fuq il-feedback mis-sessjonijiet ta' ħidma u l-laqqgħat maċ-ċittadini lokali, l-organizzazzjonijiet tan-nies b'diżabbiltà u l-anzjani u partijiet ikkonċernati taċ-ċentru tal-belt ewlenin. Il-politika tinkludi lista ta' kontroll għall-aċċessibilità li tkopri l-postijiet pubbliċi u l-bini b'rakkomandazzjonijiet għall-azzjoni.



Mudell tal-belt tattili tridimensjonali



Mogħdijiet lixxi jipprovdu aċċess faċli mingħajr ma jintilef il-kuntest storiku

Kunsill tad-Diżabbiltà jipprovdi pariri lill-muniċipalitá dwar il-proġetti ta' kostruzzjoni pubbliċi kollha u hemm żewġ gruppi ta' ħidma konġunti li jiffukaw fuq l-“aċċessibbiltà naturali” u l-aċċessibbiltà tal-Belt.

Il-Belt temmen li dan l-approċċ, li jaħdem fil-livelli politiċi u ta' ġestjoni kollha, huwa l-aktar mod effettiv biex isir progress.

Il-politika tistabbilixxi valuri u prinċipji kif ukoll prijoritajiet għall-azzjoni.

Il-proġett “Aċċessibbiltà f'ċentru tal-belt storiku – modi ġodda biex jissaħħaħ il-wirt storiku f'Viborg” ġie żviluppat u implimentat b'kollaborazzjoni ma “Grupp tal-Għarfien” li jinkludi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet Daniżi nazzjonali b'għarfien espert fl-aċċessibbiltà u grupp ta' ħidma lokali li jikkonsisti minn

nies lokali, esperti tal-aċċessibbiltà u partijiet ikkonċernati taċ-ċentru tal-belt ewlenin li jinkludu l-uffiċċju turistiku lokali u l-assoċjazzjoni tal-kummerċ.

Imbagħad x'jiġri?

Il-Belt ta' Viborg tippjana li tkompli din l-inizjattiva, filwaqt li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda. Fost il-proġetti futuri hemm l-iżvilupp ulterjuri taż-żona madwar il-katidral u l-espansjoni tal-proġett eżistenti sabiex jiġi pprovdut aċċess inklużiv għal firxa wiesgħa ta' attrazzjonijiet inklużi mużewijiet, teatri u esebizzjonijiet kif ukoll aktar pjazez u ġonna tal-belt.

Parteċipazzjoni fil- Premju Access City 2019

Il-Premju Access City jiġi organizzat mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà. Huwa jħeġġeġ lill-ibliet jaqsmu l-esperjenza tagħhom u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Tixtieq li l-proġetti tal-belt tiegħek jidhru fil-ktejjeb li jmiss tal-Premju Access City? Tixtieq taqşam l-esperjenzi u l-azzjonijiet tiegħek ma' bliet oħrajn?

Ipparteċipa fil-Premju Access City 2019!

Id-disà edizzjoni tal-Premju se titnieda fir-rebbiegħa 2018 (id-data għadha trid tiġi kkonfermata). Wieħed jista' japplika billi jimla u jissottometti formola ta' applikazzjoni onlajn sal-iskadenza stabbilita. Informazzjoni dettaljata se tkun disponibbli fuq:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1141&langId=mt>

Il-parteċipazzjoni fil-Premju Access City mhijiex biss opportunità biex tikseb rikonoxximent, iżda wkoll opportunità unika biex tanalizza s-sitwazzjoni attwali fil-belt tiegħek għall-finijiet ta' awditjar intern tiegħek u biex tkejjel il-progress. Mod eċċellenti kif tanalizza l-politiki ta' aċċessibbiltà tiegħek u kif

tidentifika l-punti b'saħħithom dawk dgħajfin tagħhom huwa billi tistudja l-mistoqsijiet fil-formola ta' applikazzjoni.

Min jista' japplika?

L-applikant irid ikun awtorità governattiva ta' belt ta' il fuq minn 50 000 abitant f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Fi Stati Membri b'inqas minn żewġt ibliet bħal dawn, jistgħu jipparteċipaw ukoll żoni urbani komposti minn żewġt ibliet jew aktar, dejjem jekk il-popolazzjoni tagħhom flimkien taqbeż il-50 000 abitant. Minħabba li l-Premju Access City ma jstax jintrebaħ mill-istess belt għal sentejn konsekuttivi, il-belt rebbiegħa fl-2018 ma tkunx mistiedna biex tipparteċipa mill-ġdid fl-2019. Il-bliet l-oħrajn kollha, inkluż dawk li jiġu minn ta' quddiem, ir-rebbiegħa tat-tieni u t-tielet premju u l-ibliet li jirċievu tismija speċjali, huma mħeġġa jipparteċipaw mill-ġdid.

Bħala għajjnuna għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni, in-nota ta' gwida u r-regoli ta' parteċipazzjoni huma disponibbli fil-lingwi kollha uffiċjali tal-UE u fuq is-sit web tal-Premju Access City:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1141>

Proċess ta' selezzjoni

Il-ġuriji se jrin iquisu miżuri meħudin u pplanati fl-oqsma li ġejjin:

- L-ambjent mibni u spazji pubbliċi;
- Trasport u infrastruttura relatata;
- Informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi teknoloġiji ġodda (ICTs);
- Faċilitajiet u servizzi pubbliċi.

Il-ġuriji jevalwaw l-applikazzjonijiet billi jquisu l-ħames kriterji li ġejjin:

- Il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet
- Is-sjieda, il-livell ta' impenn
- L-impatt
- Il-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riżultati
- L-involvement tan-nies b'diżabbiltà u s-sħab rilevanti.

Il-proċess ta' selezzjoni huwa maqsum f'żewġ fażijiet: is-selezzjoni minn qabel fil-livell nazzjonali u s-selezzjoni finali fil-livell Ewropea. **Il-Ġuriji Nazzjonali** f'kull pajjiż jagħżlu massimu ta' tlejt ibliet minn fost l-applikanti nazzjonali bl-użu ta' kriterji ta' evalwazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-kandidati nazzjonali jgħaddu għat-tieni fażi tal-kompetizzjoni u jiġu vvalutati mill-**Ġurija Ewropea**.

Ir-rebbieħa tal-Premju Access City 2019 titħabba **fil-bidu ta' Diċembru 2018**. Iċ-ċerimonja hija parti mill-Konferenza tal-Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabbiltà fi Brussell.

Is-Segretarjat tal-Premju Access City

Is-Segretarjat tal-Premju Access City jista' jassisti fil-preparazzjoni. Jekk teħtieġ informazzjoni addizzjonali jekk jogħġbok ikkuntattja lil: **secretariat@accesscityaward.eu**

2018 
**EUROPEAN YEAR
 OF CULTURAL
 HERITAGE**
#EuropeForCulture

Il-Premju Access City li jmiss se jiċċelebra s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

Fl-2018, l-Unjoni Ewropea se tiċċelebra l-wirt kulturali. L-edizzjoni li jmiss tal-Premju Access City għalhekk se jirrikonoxxi lill-ibliet li għamlu sforz kbir biex jiżguraw li l-wirt u l-kultura tagħhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

Flimkien mal-premijiet tradizzjonali tal-ewwel, it-tieni u t-tielet post, se jingħataw żewġ premijiet speċjali biex jiġu ċċelebrati l-kisbiet tal-aċċessibbiltà kulturali u tal-wirt. Filwaqt li premju speċjali se jsegwi r-regoli standard li jingħata lil belt b'aktar minn 50 000 abitant, l-ieħor se jagħti l-opportunità lil bliet b'anqas minn 50 000 abitant biex għall-ewwel darba jipparteċipaw fil-kompetizzjoni u jirbħu premju.

Il-paġna web tal-Premju Access City se tiġi aġġornata b'mod regolari matul ix-xhur li ġejjin. Għalhekk oggħod attent għal aktar informazzjoni dwar dawn il-premji speċjali.

Kif tikkuntattja lill-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-egreb ċentru għalik f'dan is-sit:
https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib tagħrif dwar l-UE

Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Publikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-publikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk:
<http://eur-lex.europa.eu>

Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

Il-Premju annwali Access City jirrikonoxxi l-ibliet Ewropej għall-isforzi tagħhom biex isiru aktar aċċessibbli għan-nies b'diżabbiltà u l-anzjani. Il-fuljett jiċċelebra l-kisbiet tar-rebbieħa tal-2018 u dawk li ġew minn ta' quddiem – Lyon (Frnaza), Ljubljana (is-Slovenja), il-Lussemburgu (il-Lussemburgu) u Viborg (id-Danimarka) – u jissottolinja l-passi konkreti li għandhom jittieħdu sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-ibliet tagħhom. Dawn il-passi jinkludu metros u trammijiet aċċessibbli, apps tan-navigazzjoni, “żoni ekoloġiċi” bi traffiku limitat u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni.

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



socialeurope



EU_Social

